DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1131

tat-30 ta' Lulju 2020

li tniedi l-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA).

(2) Fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-Pjan Operazzjonali (OPLAN) għall-EUAM RCA jenħtieġ li jiġi approvat.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-kisba ta' kapaċità operattiva inizjali mill-EUAM RCA, jenħtieġ li l-Missjoni tiġi mnedija fid-9 ta' Awwissu 2020 għal perijodu ta' sentejn.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 ipprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 7 100 000 biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA matul l-ewwel sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni tal- Kunsill (PESK) 2020/664 ([2]) estendiet il-validità tal-ammont ta' referenza finanzjarja sat-8 ta' Awwissu 2020. Jenħtieġ li jiġi pprovdut ammont ta' referenza addizzjonali li jkopri l-perijodu mit-tnedija tal-Missjoni sat-8 ta' Awwissu 2022.

(5) L-EUAM RCA jenħtieġ li jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti f'oqsma relatati mal-EUAM RCA u b'appoġġ għall-objettivi tagħha.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(7) L-EUAM RCA ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-OPLAN għal EUAM RCA huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

L-EUAM RCA għandha titnieda fid-9 ta' Awwissu 2020.

([1]) ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/664 tat-18 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 157, 19.5.2020, p. 3).

Artikolu 3

Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili tal-EUAM RCA huwa b'dan awtorizzat b'effett immedjat li jagħti bidu għall-eżekuzzjoni tal-Missjoni.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA għall-perijodu mid-9 ta' Diċembru 2019 sat-8 ta' Awwissu 2022 għandu jkun ta' EUR 30 352 481,10. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kwalunkwe perijodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.".

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 13a

Ċellula ta' Proġetti

1. L-EUAM RCA għandu jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-EUAM RCA għandha, skont il-ħtieġa, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'oqsma marbutin mal-EUAM RCA u b'appoġġ għall-objettivi tagħha.

2. Soġġetta għall-paragrafu 3, l-EUAM RCA għandha tkun awtorizzata li tuża l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew minn Stati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet oħra tal-EUAM RCA, jekk il-proġett ikun:

(a) pprovdut fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew

(b) integrat matul il-mandat permezz ta' emenda tad-dikjarazzjoni finanzjarja fuq talba tal-Kap tal-Missjoni.

L-EUAM RCA għandha tikkonkludi arranġament mal-Istati li jikkontribwixxu, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kwalunkwe ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata minħabba atti jew ommissjonijiet mill-EUAM RCA fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati. L-Istati Membri li jikkontribwixxu ma jistgħu f'ebda ċirkostanza jżommu lill-Unjoni jew lir-RGħ responsabbli ta' atti jew ommissjonijiet mill-EUAM RCA fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.".

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH